MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 19/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adam Abuhmeda k/a Adam Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Adam Abuhmeda k/a Adam Cini talli f'dawn il-Gzejjer nhar-it 23 ta' Marzu 2004, ghall-habta ta' 21.45 hrs., gewwa Triq Birkirkara, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

(1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRI-576 tal-ghamla Ford liema hsara tiskorri l-hamsin liri Maltin (Lm50) izda mhux aktar minn hames mitt liri Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Kristina Schranz;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lill-imsemmija Kristina Schranz bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li l-imsemmija Kristina Schranz irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali, iddikjarat il-procediment ezawrit;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta’ Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li l-procediment gie ezawrit kwantu ghat-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat id-diversi tentattivi inutili sabiex jigi notifikat l-appellat;

Rat il-verbal tas-7 ta’ Dicembru 2006 fejn Dott. Ruth Scott ghall-appellat ddikjarat li l-appellat gie notifikat ghas-seduta ta’ dik il-gurnata bl-avviz ta’ appuntament biss u li kien ghadu ma giex notifikat bir-rikors ta’ appell izda li kien qieghed jaghti ruhu b’notifikat u kien qieghed jircievi kopja ta’ l-istess rikors *seduta stante*;

Rat l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata minn Dott. Ruth Scott;

Rat is-sottomissjoni ta’ Dott. Anthony Barbara ghall-appellant Avukat Generali fejn qal li pendenti l-proceduri t-terminu ta’ preskrizzjoni jkun sospiz u li prova tal-hsara tezisti billi xehdet il-parti leza;

Rat is-sottomissjoni ta’ Dott. Ruth Scott ghall-appellat li l-prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova dwar danni u li l-parti leza ma kinitx persuna kompetenti biex tivvaluta danni fuq vetturi;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Frar 2006 li permezz taghha gew michuda l-eccezzjonijiet sollevati mid-difiza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet fis-seduta tallum stess ix-xiehda ta’ Kristina Schranz;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda biss il-piena peress illi dwar il-htija ta’ l-appellant fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni m’hemmx kontestazzjoni.

Effettivament mix-xiehda ta’ Kristina Schranz jirrizulta illi l-appellant hallas id-danni kollha lill-istess Kristina Schranz u minn mindu kien hemm l-incident li ta lok ghall-proceduri odjerni ma nqalghet l-ebda kwistjoni ohra bejn l-appellant u l-imsemmija Kristina Schranz. Anzi huwa baqa’ jikkontribwixxi kif jista’ ghall-manteniment tat-tifla komuni taghhom.

F’dawn ic-cirkostanzi, u stante li ma kien hemm l-ebda oggezzjoni da parti tal-prosekuzzjoni, u wara li din il-Qorti rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant, hemm lok li din il-Qorti taghti lill-appellant *conditional discharge* a tenur ta’ l-Att dwar il-*Probation*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi l-appell fil-mertu billi tilqa’ l-istess u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat il-prosediment ezawrit kwantu ghat-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha in kwantu ddikjarat il-procediment ezawrit kwantu ghall-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u dan bi ksur ta’ l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 u, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah bil-kondizzjoni (*conditional discharge*) li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tmintax-il xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-imsemmi Adam Abuhmeda k/a Adam Cini bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni

kondizzjonata, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------